# It-Titular

Ħarġa Nru 3
Ġunju 2006



Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija Est. 1993
Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V. Mqabba
www.santamarija.com

# KARĠO

Aluminium & Timber Ltd.

Specializing on all types of Aluminium and timber

Kargo House, San Gwakkin Road, Mriehel QRM 09

Tel: 21449303 - Fax: 21493002 - Email: kargo2@maltanet.net

# Mqabba FC 5-a-side

## Synthetic Pitch



Triq il-Madonna tal-Ġilju, Mqabba

For bookings call Mr. Fancis Farrugia Pitch Director on Mobile No. 7961 8191

Probably one of the best Football Pitches in Malta...

# Editorjal

## Is-Suċċess sinonimu mas-Soċjetà tagħna

Għeżież Qarrejja, qed inwasslulkom it-tielet edizzjoni tal- pubblikazzjoni tagħna "It-Titular" li b'sodisfazzjon kbir nistgħu ngħidu li kiseb ħafna tifħir minnkom il-qarrejja. Ma kull ħarġa "it-Titular" dejjem qiegħed jikseb aktar popolarità u dan ikompli jimlina bil-kurraġġ sabiex nagħmlu ħilitna biex inkomplu ntejbu l-materjal kollu li nippublikaw.


**IT-TITULAR**

***Sezzjoni Żgħażagħ***
***Santa Marija Mqabba** Est. 1993*

Soċjetà Santa Marija u
Banda Re Ġorġ V,
'Palazz Santa Marija',
Pjazza tal-Knisja,
Mqabba ŻRQ 08 - Malta
**Tel:** 21683020
**website:** www.santamarija.com
**email:** youths@santamarija.com

**Bord Editorjali:**
Carlo Sciberras
Nicholas Baldacchino
Chris Schembri Baldacchino

**Design & Printing:**
Print Right Ltd. - Marsa
Splash Design - Mqabba



© ***Copyright, Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija - Mqabba***


Ma nistawx ma nifthux dan l-editorjal billi nifirħu bil-kbir lill-Għaqda tan-Nar fi ħdan is-Soċjetà tagħna għas-suċċess kbir li kisbet fl-ewwel Festival Pirotekniku Internazzjonali ta' Malta. Minbarra r-rebħ tal-premjijiet għall-aqwa sinkronizazzjoni, l-aktar prodott oriġinali u l-aqwa korjografija, l-Għaqda tan-Nar Santa Marija rebħet il-premju *overall* bħala ir-rebbieħa assoluti ta' dan il-festival kif ukoll il-Maltin ivvutawlna bħala ir-rebbieħa fil-votazzjoni ta' l-opinjoni pubblika. Minn hawnhekk nixtiequ nirringrazzjaw lil dawk kollha li ħadu sehem b'xi mod jew ieħor sabiex jorganizzaw dan l-ispettaklu tant kbir li mhux biss ġab unur lis-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V iżda lill-Imqabbin kollha. Il-Motto tar-raħal tagħna huwa **"Biss bil-ħila"** li jirrifletti b'mod sħiħ dan is-suċċess u suċċessi oħra suċċessivi tul is-snin mhux biss għall-Għaqda tan-Nar tagħna li hija ferm popolari mal-Maltin u l-Għawdxin kollha iżda wkoll għas-Sezzjonijiet kollha fi ħdan l-istess Soċjetà Santa Marija.

Bir-rebħ ta' dan il-premju ferm prestiġġjuż komplejna nkabbru isem is-Soċjetà u r-raħal tagħna u komplejna nibnu fuq suċċessi oħra fosthom l-Etoile D'Or du Jumelage, il-premju li ngħata mill-Unjoni Ewropeja għall-ġemellaġġ li sar bejn is-Soċjetà tagħna u l-Corpo Bandistico ta' Santa Vittoria in Matenano, il-Proġett tal-Unjoni Ewropea minn naħa tas-Sezzjoni Żgħażagħ flimkien mal-grupp ACLI minn Cirò ġewwa Reggio Calabria, is-suċċess li għamlet il-Banda Re Ġorġ V, l-ewwel banda Mqabbija li tat Kunċert Sinfoniku ġewwa t-Teatru Manoel u xogħol t'Arti kbira fil-Każin tas-Soċjetà tagħna u fl-armar tal-Festa li juri s-sens kbir artistiku u kulturali li bqajna nħaddnu tul is-snin biex insemmu ftit.

Ta' dan kollu għandna nroddu ħajr lil Marija Ommna talli żżomm idejha fuqna f'kull mument u tagħtina l-kapaċità li dejjem nimxu 'l quddiem b'serjetà u għaqal. Ejjew flimkien nagħtu eżempju ta' maturità f'kull waqt u nifirħu b'dak kollu li jagħmilna uniċi mingħajr ma nweġġgħu lil ħadd. Il-Messaġġ tagħna għall-jiem li ġejjien huwa dirett lil dawk kollha li għandhom għal qalbhom il-Festa ta' Marija Assunta fejn nemnu bis-sħiħ li ż-Żgħażagħ tagħna b'mod speċjali jġibu ruħhom tajjeb hekk kif jixraq lill-isem is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V.

# Messaġġ mill-PRO

Chris Schembri Baldacchino - PRO Sezzjoni Żgħażagħ

Għeżież Ħbieb Imqabbin,



Diġa' għaddew xahrejn u reġa' wasal iż-żmien, li issa għal uħud huwa ferm mistenni, biex nippublikaw ħarġa oħra mill-fuljett "It-Titular", liema ktejjeb ġie milqugħ tajjeb ħafna mill-qarrejja tiegħu. Dan għaliex huwa immirat biex inżommu lill-partitarji f'kuntatt dirett mas-Soċjetà Santa Marija kif ukoll biex nagħtu spunt ta' tagħlim kemm fuq bażi rikreattiva kif ukoll spiritwali.

Din tiegħi hija l-ewwel sena bħala membru tal-Kumitat tas-Sezzjoni Żgħażagħ, fejn flimkien ma' Jonathan Mifsud, ingħatajt l-inkarigu ta' Uffiċjal tar-Relazzjonijiet Pubbliċi (PRO). Xogħolna huwa li kostantement inżommu lill-pubbliku aġġornat b'dak, li qed jiġri fi ħdan is-Soċjetà tagħna'. Illum nista' ngħid kemm jirrikjedi sagrifiċċji u xogħol bla waqfien biex is-Soċjetà tagħna tibqa' dejjem attiva.

Għaddew għaxar xhur minn mindu twaqqaf il-Kumitat il-ġdid għal din is-Sena, u dan ifisser li fadal biss xaharejn biex niċċelebraw il-Festa tal-Patruna tagħna, Santa Marija. Kienu għaxar xhur ta' ħidma kontinwa, fejn bħala Kumitat konġunt, iddiskutejna u organizzajna diversi attivitajiet, fosthom ikliet, *tournaments* tal-futbol, *playstation u* sparar, kif ukoll esperjenzi ta' valur soċjali bħalma huma ż-żjara lill-anzjani Mqabbin residenti f'San Vinċenz u l-għotja tad-demm mill-partitarji tagħna. Mhux ta' min jinsa l-Ġimgħa Marjana li għadha kif intemmet; Wirja ta' Arti u Reliġjon, amalgamazzjoni ta' Kultura u Spiritwalità, fejn apparti l-wirjiet artistiċi li ġew esebiti, stedinna wkoll diversi kelliema li qasmu magħna esperjenzi Marjani. Minn hawnhekk nirringrazzja lil kull min ħa sehem f'din l-attività. Bla dubju, is-sena 2006 ser tibqa' mnaqqxa fl-istorja tas-Soċjetà tagħna. Dan minħabba l-unur KBIR li kisbet l-Għaqda tan-Nar tagħna wara s-suċċess li wettqet fil-Malta International Fireworks Festival. Dan permezz ta' l-iSpettaklu Vibranti ta' Nar sinkronizzat ma' tliet siltiet mużikali, li ħalla lil kull min kien preżenti b'ħalqu miftuħ, speċjalment bil-kelma MALTA ffurmata permezz ta' żbruffaturi. Fi 11-il minuta, irnexxielha tkaxkar magħha aktar minn żewġ terzi ta' l-unuri, bl-aktar wieħed prestiġġjuż ikun *Overall Winners*. Bħalma semmejt, fadal xahrejn għall-Festa tant mistennija minna l-Imqabbin, dik tal-Patruna tagħna Santa Marija. Tul dan iż-żmien, il-ħidma ser tkompli, anzi trid tiżdied! Minn hawnhekk nixtieq inħeġġeġ lill-partitarji tagħna biex, fejn jistgħu, jagħtu daqqa t'id fil-preparamenti għall-Festa, kif ukoll għaż-żarmar. Mingħajr il-ftit għajnuna ta' kulħadd, ma jsir xejn. Għall-Grazzja t'Alla, nistgħu ngħidu li għandna attivisti li jaħdmu bi ħġarhom biex dejjem ikollna Festa aqwa minn dik ta' qabilha. Jalla nibqgħu sejrin hekk!

Nagħlaq billi nagħti parir siewi,… li matul il-Ġimgħa tal-Festa, bix-xieraq nifirħu b'mod responsabbli bis-suċċessi UNIĊI li ksibna u fl-istess ħin nieħdu ħsieb li nżommu l-isem tas-Soċjetà mingħajr tebgħat, bħalma dejjem għamilna. F'isem is-Sezzjoni Żgħażagħ, nixtieqilkom staġun Sajfi friskanti kif ukoll, għal ġejjieni, Festa sabiħa denja għalina l-Imqabbin! Viva Santa Marija!

# Messaġġ mill-President tas-Soċjetà

*Carmel Zahra - President Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V*



Għeżież Żgħażagħ u Qarrejja,

Huwa ta' unur kbir għalija li għandi din l-opportunità li qiegħed nikteb fuq dan il-ktejjeb ferm interessanti ntitolat 'It-Titular'. Din il-pubblikazzjoni qegħda tkompli żżid il-katina ta' suċċessi li wettqu ż-żgħażagħ tagħna tul dawn l-aħħar snin.

Ta' min isemmi li għaxar snin ilu, kienet propju l-ħidma taż-żgħażugħ s-Sur Alfred Galea li huwa wkoll bandist tal-post, li biha rnexxielna mmorru bil-Banda tagħna f'Santa Vittoria in Matenato ġewwa r-Reġjun ta' Ascoli Piceno fl-Italja u sena wara l-Banda mill-istess Reġjun ġiet mistiedna sabiex tieħu sehem fil-Festa Titulari ta' Santa Marija. Dawn l-attivitajiet ġew kollha nkurunati wara li ksibna l-Unur Les Etoiles d' Or du Jumellage mill- Unjoni Ewropea.

Tajjeb insemmi li fis- sena 1996 ż-Żgħażagħ tagħna fetħu orizzonti ġodda għas-Soċjetà permezz tal-websajt www.santamarija.com fejn konna fost l-ewwel Soċjetajiet Mużikali fil-pajjiż li dħalna fid-dinja ta' l-informatika. Nieħu l-opportunità sabiex nirringrazzja lis-Sinjuri Antoine Sciberras u Mario Mifsud ta' din l-inizjattiva li ħalliet ġid kbir lis-Soċjetà u r-raħal tagħna. Ma nistax ma nurix l-apprezzament tiegħi lejn is-Sinjorina Louiselle Sciberras li hija l-*webmaster* attwali u lejn il-Kumitat tas-Sezzjoni Żgħażagħ li ta' kull sena jissponsorja l-istess sit elettroniku. Jekk inħarsu lejn l-armar tal-festa, wieħed irid isemmi l-ammont kbir ta' armar maħdum u ffinanzjat mill-Kumitati tas-Sezzjoni Żgħażagħ tul is-snin.

Ma nistax ma nsemmix ukoll l-attivitajiet Filantropiċi li l-Kumitat tas-Sezzjoni Żgħażagħ wettaq tul is-snin, b'mod partikulari l-attività fejn is-Soċjetà tagħna kienet l-iktar Soċjetà Mużikali li offriet donazzjonijiet tad-demm fis-sena 1996, il-Fun Run b'risq il-*Cash for Cancer* u l-attività reċenti li ġiet organizzata b'suċċess kbir mill-Kumitat tas-Sezzjoni Żgħażagħ preżenti fejn ġie mtella' għall-ewwel darba *The Mqabba Song Festival*, bl-għan prinċipali li jiġi ffinanzjat *wheel chair* għal tifel ta' 7 snin mill-lokalità. Il-*wheel chair* ġie pprezentat fl-okkażjoni tal-*Miss Malta Beauty Pageant* fl-2004. Inizjattiva oħra li għamlet unur kbir lis-Soċjetà u r-raħal ta' l-Imqabba huwa l-Iskambju Kulturali tal-Programm YOUTH ta' l-Unjoni Ewropea li sar fil-Festa li għaddiet bejn is-Sezzjoni Żgħażagħ tagħna u l-ACLI ta' Ciro (Italja). Minn hawn nifraħ lit-tmexxija tal-Kumitat taż-Żgħażagħ preżenti li kienet tassew professjonali waqt l-organizazzjoni ta' dan l-Iskambju Kulturali li kien ta' suċċess kbir u ħalla l-frott meħtieġ f'kull aspett b'mod partikulari fl-aspett ta' relazzjoni nterkulturali. Avveniment ieħor li din is-sena daħal fl-għaxar anniversarju tiegħu huwa n-Nardu Farrugia Cup, għad unur l-mibki s-Sur Leonard Farrugia fejn propju din is-sena fakkarna l-għaxar snin mit- telfa tiegħu.

Kienet ukoll inizjattiva sabiħa ħafna miż-Żgħażagħ li kull sena jorganizzaw l-Ġimgħa Marjana, propju għall-fatt li din l- attività qed isservi ta' ġid Spiritwali kbir għall-poplu Mqabbi. Fiż-żmien qarib ser ikunu niċċelebraw il-Festa tant għażiża għalina tal-Patruna tar-raħal Santa Marija. Din titlob impenn kbir u żgur li diversi żgħażagħ issibhom minn ta' quddiem biex jagħtu daqqa t'id. Nixtieq nieħu l-opportunità u nappella sabiex inġibu ruħna b'mod xieraq waqt il-marci tal-festi.

Qabel ngħalaq dawn il-versi, nawgura liż-żagħżugħ Imqabbi Jonathan Farrugia għall-istudji tiegħu fis-Saċerdozju sabiex jekk Alla jrid ikollna ragħaj ieħor fil-merħla ta' Kristu. Insellem ukoll lill-Għaqda tan-Nar Santa Marija u f'isem sħabi tal-Kumitat nifirħilhom tas-suċċess fil-kisba ta' unur Internazzjonali fil-Festival Pirotekniku Internazzjonali ta' Malta.

Minn hawn nawgura aktar suċċessi lil fergħat kollha fi ħdan is-Soċjetà biex b'hekk inkomplu dejjem ngħollu l-ismijiet tant għeżież għalina 'Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V' u l-'Imqabba'. Viva Marija Assunta, Patruna ta' l-Imqabbin.

# Pitturi ta' l-Assunta Madwarna (3)



### *Il-Pittura*

Jingħad li l-kwadru titulari tas-Santwarju ta' l-Assunta tal-Mosta tpinġa minn Baskal Buhagiar, imma m'hemm l-ebda dokumentazzjoni għal dan, għalhekk studjużi ta' l-arti Maltin jippreferu jgħidu li huwa kwadru anonimu. Il-pittura kienet saret fl-1678 u oriġinarjament kienet fil-knisja li kienet teżisti qabel dik li hemm illum. Ġie kkummissjonat peress li Dun Ġakbu Chetcuti, Mosti, ħalla l-flus għalih f'legat. Meta nbniet ir-rotunda maestuża preżenti l-pittura kellha titkabbar biex ma tidhirx żgħira fiha. Dax-xogħol sar minn Salvatore Barbara fl-1860, li għamel ukoll xi restawr u reġa' pinġa xi partijiet fuq il-pittura li diġà kien hemm.

Ix-xena ppreżentata f'dal-kwadru hija x-xena tradizzjonali: Marija tidher imdawwra bid-dawl tiela' s-sema, mdawwra bl-anġli. Fin-naħa t'isfel tal-kwadru jidhru l-appostli jħarsu mistagħġba 'l fuq. Fin-nofs, eżattament taħt il-Modonna jidher il-qabar vojt. Bħal fil-każ tal-pittura li rajna x-xahar li għadda, jidhru prominenti ħafna l-

figuri ta' żewġ appostli. Aspett partikulari huwa li t-tnejn għandhom xi kotba mitfugħin fl-art ma' ġenbhom. Mill-kuluri ta' l-ilbies u l-età jidhru li huma San Pietru u San Pawl. L-appostli l-oħra jidhru fuq wara, inqas ċari u b'inqas dettalji artistiċi miż-żewġ appostli li jinsabu quddiem. Minn ta' wara wieħed biss jidher qed iħares 'il barra u jipponta lejn Marija.

Fl-10 ta' Awissu 1975 dil-pittura ġiet inkurunata solennement mill-Arċisqof Gonzi – l-aħħar kwadru li qatt ġie nkurunat f'Malta s'issa. Ħamsa u għoxrin sena wara twaħħlu tnax-il kewkba tad-deheb madwar ras il-Madonna.

***Il-Knisja***

Bla dubju li jekk hemm knisja ċelebri Maltija sinonima ma' Santa Marija hija appuntu l-knisja kolossali tal-Mosta, li bdiet tinbena fit-30 ta' Mejju 1833 fuq pjanta ta' Giorgio Grognet de Vassè. Bħala mudell ħa l-Pantheon ta' Ruma – ħaġa li qatt ma kienet saret qabel. Il-binja l-ġdida saret madwar il-knisja l-antika tas-seklu sbatax ta' Tumas Dingli. Il-Mostin kollha taw daqqa t'id fil-bini tagħha u fil-ġbir b'risq l-ispejjeż. Ix-xogħol ma waqafx għal 27 sena sħaħ, sakemm tlestiet mill-ġebel fl-1860, meta mbagħad twaqqgħet l-antika. Tlestiet mill-iskultura u l-irħamar lejn l-1937.

Dil-knisja tibqa' tissemma għall-miraklu tad-9 ta' April 1942, meta bomba waqgħet ġol-knisja (fejn kien hemm aktar minn 300 ruħ miġbura jistennew il-quddiesa) u ma splodietx. Hija l-akbar knisja f'Malta u t-tielet l-ikbar knisja fl-Ewropa. Il-festa l-kbira l-oħra li ssir fil-Mosta hija dik tal-Ġimgħa l-Kbira; purċissjonijiet oħra huma ta' San Ġużepp u tal-Madonna tar-Rużarju.

***Is-Sezzjoni Żgħażagħ qed tniedi kampanja ta' ġbir ta' fondi sabiex il-pubbliku jkun jista' jgħin fl-iffinanzjar ta' diversi proġetti li l-istess Sezzjoni ser iżżanżan fil-Festa Titulari ta' Santa Marija, Protettriċi ta' l-Imqabba. Għaldaqstant, jekk int interessat li tagħti donazzjoni żgħira għandek tagħmel dan billi tibgħat SMS vojt fuq dawn in-numri:***



***5061 7367 għall-donazzjoni ta' Lm1***
***5061 8087 għall-donazzjoni ta' Lm2***
***5061 9217 għall-donazzjoni ta' Lm5***

**GRAZZI MILL-QALB!!**



# Pet Care

Joseph Buhagiar
*Prop.*

Qrendi Road,
Żurrieq

Tel: 21649727



# La Piccolla

***Discount Store***

*Groceries - Detergents - etc…*

***Blue Grotto Avenue, Żurrieq***

**Tel: 2164 2878**

# Kristianne Beauty Centre and Baby Care

***P.P. Saydon Street, Żurrieq***
***Tel: 2164 7391***

Cosmetics - Skincare - Toiletries - Perfumes...

and NOW a wide selection of pushchairs, prams, beds, nappy changers, highchairs and all you need for your baby.



# Tagħrif...

Minn Giovanni Farrugia

## Trasport f'Malta u fl-Imqabba



F'Malta nistgħu ngħidu li sar progress kbir f'dak li għandu x'jaqsam mat-transport. Bdejna bil-karettuni żgħar imbgħad ġie l-karozzin. Wara l-karozzin waslu t-tram u l-ferrovija. Bdew jidhru l-ewwel karozzi u bdiet tinħass il-ħtieġa ta' toroq tajbin.

Kien għalhekk li beda jintuża r-romblu jew kif konna ngħidulu l-makna taż-żrar li kienet taħdem bl-isteam. L-ewwel toroq fil-pajjiż bdew jinbnew mis-servizzi Ingliżi u wara min-nies tal-*Public Works*. Bdew dieħlin ukoll l-muturi u muturi oħrajn magħrufin bħala tas-*side car*. Insibu wkoll vannijiet żgħar li kienu jintużaw mill-*Carlton Garage* tal-Furjana għall-tqassim ta' ħobż.

Wara bdew jintużaw il-karozzi tal-linja li għal dak iż-żmien kienu daqsxejn goffi. L-ewwel karozzi tal-linja li nġiebu fil-pajjiż kienu ta' l-għamla Ingliża *Thornycroft* li kienu armati b'tyres solid u b'saħħa tremenda però mingħajr ebda kumdità għall-passiġġier kif ukoll għax-xufier.

Insibu li għall-ħabta ta' l-annu 1905 kienu ġew ordnati 5 karozzi tal-linja *Thornycroft* mill-Ingilterra sabiex jibdew joperaw servizz mill-Belt għall-Sant Andru. L-ordni kienet għall-vetturi b'*20 horse power* b'kapacità ta' 36 passiġġier u vettura minnhom b'għamla ta' *double decker*. Dawn l-vetturi kienu mgħammra b'dawl elettriku. In-numri tax-xażi kienu 375, 453, 502, 503, 504. Fis-sena 1922 dawn il-karozzi tal-linja bdew jaħdmu b'sistema ta' *scheduled bus services* mill-Belt għal Tas-Sliema. Wara dan il-perjodu bdew dieħlin fil-pajjiż karozzi ta' l-għamla BMC tal-kumpanija *British Motor Company* fejn l-istess kumpanija Ingliża ġabet hawn Malta bosta vetturi li kienu jissodisfaw tant tajjeb lis-suq Malti li xi wħud minnhom bdew jintużaw saħansitra bħala ambulanzi. Xorta waħda baqa' l-fatt li dawn il-vetturi ma kienux daqstant ta' kumdità. Sas-sena 1926 kellna b'kollox 108 vetturi liċenzjati. Kien f'dan il-perijodu li fl-Imqabba bdejna naraw xi karozzi tal-linja. Kien Karmnu Zammit (Tan-Naxxari) li beda xi negozjati mar-rappreżentanti tal-BMC sabiex huwa jixtri vettura tat-tip LUSITANIA li tul iż-żmien bdiet tagħmel vjaġġi bi skeda bejn l-Imqabba u l-Belt.

*B'Tifkira Għażiża…. Tas-Sur Leonard Farrugia, Ex-President u Assistent Surmast tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V f'għeluq l-għaxar sena mit-telfa tiegħu. 1996 -2006*



*Kumitat Sezzjoni Żgħażagħ 2006*





Via Sagra b'ilbies tradizzjonali tal-Passjoni

Il-Proċessjoni
bil-Vara Artistika
u devota tad-Duluri







Eżerċizzi Spiritwali għaż-Żgħażagħ
bit-tema Alla huwa Mħabba

# Attivitajiet...







Get Together kbir mis-Sezzjoni Żgħażagħ
u Marċ Trijonfali mill-Banda Re Ġorġ V bħala
parti miċ-ċelebrazzjonijiet tar-rebħ
tal-Festival Internazzjonali tan-Nar

Spettaklu ta' Nar sinkronizzat mal-Mużika
bit-tema 'Dancing Stars over the Water'
waqt l-ewwel Festival Piroteknikiu Internazzjonali
ta' Malta mirbuħ bl-unuri mill-Għaqda tan-Nar tagħna





It-tieni Ġimgħa Marjana komposta minn
Wirjiet Artistiċi ta' Statwi, Pitturi u Kwadri
Marjani, b'talent u tagħlim fuq Sidtna Marija
minn diversi kelliema tul il-Ġimgħa kollha





***Keychains tar-Rebħ tal-Malta International Fireworks Festival***

**Issa għall-bejgħ mill-Bar tal-Każin!**

*Għall-prezz ta' Lm1 biss*
*Ordnijiet mill-Bar jew ċemplu 21683020*
*Edizzjoni Limitata - Tħallux għall-aħħar!!*




***Platti bil-Vara Titulari ta' Santa Marija***

*Għall-bejgħ bi prezzijiet speċjali minn Ġunju sa Settembru 2006. Kull min irid jakkwista wieħed għandu jagħmel dan billi jordnah fuq 9982 5738 jew mill-Bar tal-Każin....* ***Tħallux għall-aħħar.***

***Is-Soċjetà Santa Marija*** *ser torganizza Ġita għall-Portugall u Fatima. Inżuru Lisbona, Leira, Coimbra, Fatima, Oporto u Tomar. Mid-9 sas-17 ta' Settembru 2006. Prezzijiet minn Lm199 biss.*



*Ċempluna 21683020*



**DVD** Kommemorattiva tal-Unur The 1st Malta International Fireworks Festival 2006 mirbuħ mill-Għaqda tan-Nar Santa Marija - Mqabba li jinkludi: L-Ispettaklu Piromużikali "Dancing Stars over the Water" Preparamenti, Ċelebrazzjonijiet, Stqarrijiet fil-Media u aktar.

***Dan kollu għall-prezz minimu ta' Lm3.00.***
***Ordnijiet mill-Bar tal-Każin jew 99825738.***







# Il-Ġimgħa Marjana

## ... Suċċess Spiritwali għall-Poplu Mqabbi

Nhar il-Ħadd 21 ta' Mejju 2006, is-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija nawgurat għat-tieni sena konsekuttiva l-unika **'Ġimgħa Marjana'** ġewwa l-Imqabba, fil-bini ta' l-Isptar il-Qadim.

Kienet Ġimgħa ferm interessanti, komposta minn żewġ wirjiet artistiċi ta' pitturi, kwadri, statwi u xogħol ta' l-artiġjanar kollu relatat ma' Sidtna Marija li kienu miftuħin għall-pubbliku sa nhar is-Sibt 27 ta' Mejju.

It-tagħlim fuq Marija ma naqasx, fejn mit-Tnejn 22 sal-Ġimgħa 26 ta' Mejju kellna fostna diversi kelliema li trattaw suġġetti prattiċi fuq il-Ħajja u s-Sinjifikat t'Ommna Marija. Ħsibna wkoll sabiex noħolqu atmosfera ferriħija b'diversi talenti Marjani fost, mużika *live*, kant u poeżija li kollha kkumplimentaw mat-temi magħżula tul il-ġimgħa kollha.

Fost il-mistiednin distinti għal dawn il-wirjiet, is-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija b'kollaborazzjoni mall-Kap ta' l- iskola Primarja ta' l-Imqabba u l-Kunsill Lokali stiednet grupp ta' għalliema barranin minn diversi pajjiżi madwar l-Ewropa li kienu fir-raħal pittoresk ta' l-Imqabba fuq il-programm C*omenius* ta' l-Unjoni Ewropea fejn setgħu jaraw u jduqu is-sinjifikat tal-kultura Maltija b'mod partikulari il-kultura ta' l-Imqabba.

Is-Sibt 27 ta' Mejju assistejna għall-għeluq ta' din il-Ġimgħa t'attivitajiet bil-preżentazzjoni taċ-Ċertifikati lill-parteċipanti kollha mis-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija. Il-President u l-Kumitat tas-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija jirringrazzjaw lill-poplu Mqabbi li kien ferm numeruż tul il- ġimgħa kollha, il-Kelliema, il-Mużiċisti u l-Kantanti, l-artisti li pprovdewlna x-xogħlijiet tagħhom u lill-Kunsill Lokali ta' l-Imqabba li għoġbu jgħaddilna l-Isptar il-Qadim sabiex nkunu nistgħu ntellgħu din il-Ġimgħa Marjana.





*Il-Ftuħ Uffiċjali tal-Wirjiet Artistiċi*

Għal aktar tagħrif u ritratti tal-wirjiet wieħed jista' jżur is-sit uffiċjali tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V www.santamarija.com



*Attendenza numeruża tul il-Ġimgħa kollha*



*It-Tnejn: Fr. Francios Mifsud O.P. - Is-Sejħa ta' Marija.*



*It-Tlieta: Fr. Joseph Zahra O.P. - Marija Port tas-Salvazzjoni*



*L-Erbgħa: Fr Raymond Gatt O.P. - Marija f'Pentekoste*



*Il-Mother of Christ Folk Group*



*Il-Ħamis: Vince Marshall - Marija fil-Familja*



*Is-Sopran Francesca Farrugia*



*Il-Ġimgħa: Il-Provinċjal Patri Paul Gatt - Il-Misteru tal-Assunazzjoni*





*Is-Sibt: Preżentazzjonijiet taċ-Ċeritifikati lill-parteċipanti kollha waqt l-Għeluq tal-Ġimgħa Marjana*



*Gżira Choir*

Carabott Jewellers



Dun Ġużepp Zammit
Street, Malta
Tel: 2168 0760

*Opening Hours:*
*Monday to Friday*
*9.00am to 12.00 noon*
*4.00pm to 7.00pm*

*Wednesday to Saturday*
*9.00am to 12.00 noon*

Starbrite

Dry Cleaning

*Triq Tas-Sejba, Mqabba*
*Tel/Fax: 2168 3367*

do not waste your time going around stop at
MAŻINI
AUTOPARTS & ACCESSORIES
where you will find everything under one roof
More brands available...
FAI
Gates
ICER
QH
Valeo
Japanparts
FERODO
AISIN
MONROE
Qrendi Road, Zurrieq (Hdejn l-Armerija) ZRQ 04. Tel/Fax: 21 642465

# Frott it-Talent Imqabbi...

## ... Il-Festival Pirotekniku Internazzjonali Malti - 2006



Huwa unur li l-Għaqda tan-Nar Santa Marija, rnexxiela tirbaħ f'April li għadda permezz ta' Spettaklu tan-Nar Sinkronizzat mal-Mużika bit-tema 'Dancing Stars over the Water'.

Minn fost żewġ kumpaniji barranin u żewġ Għaqdiet lokali, l-Għaqda tan-Nar Santa Marija rnexxielha tikseb l-unuri ta' l-aħjar prodott oriġinali, l-aħjar korjografija, l-aħjar sinkronizazzjoni mal-mużika, l-aħjar spettaklu skond l-opinjoni pubblika u eventwalment ir-rebħ tal-Festival in ġenerali. B'dan l-unur ferm prestiġġjuż is-Soċjetà Santa Marija ta' l-Imqabba tista' titqies bħala l-unika Soċjetà Mużikali fil-pajjiż li hija nkurunata u fil-pussess ta' żewġ unuri Internazzjonali ta' preġju kbir.

L-Għaqda tan-Nar Santa Marija flimkien mal-poplu Mqabbi tħossha ferm onorata li l-ewwel Festival tan-Nar fuq bażi ta' kompetizzjoni Internazzjonali ġie mirbuħ propju minnha bil-ħila ta' l-artisti Mqabbin fi ħdan is-Soċjetà tagħna.

# Insiru nafu iktar dwar...

***Għal din il-ħarġa, ħsibna sabiex nwelldu sezzjoni ġdida fejn ser inkunu nafu iktar dwar xi persuni fis-Soċjetà tagħna. Huwa xieraq fil-fehma tagħna li din is-sezzjoni nibdewa b'Innocent (Ċensu) Farrugia li kien persuna attiva ferm fis-Soċjetà tagħna. Ċensu ħalla dan il-wied ta' dmugħ f'Ottubru li għadda. Carlo Sciberras ħejja sett ta' mistoqsijiet fuqu li ġew imwieġba minn ħut Ċensu, Josephine u Marie. Is-Sezzjoni Żgħażagħ tirringrazzjahom tal-ħin u l-ospitalità li offrewlna.***

***CS: Liema kienu l-iktar affarjiet importanti fil-ħajja ta' Ċensu?***

JF: Peres li hu kien bniedem attiv ħafna, kellu bosta affarijiet u responsabiltajiet però jien naħseb li l-Festa ta' Santa Marija u l-Vara Titulari kienu l-iktar importanti għalih. Il-Familja naturalment kienet ukoll importanti ħafna.



***CS: Mill-Banda l-oħra, liema kienu l-affarjiet li forsi kienu jdejjquh?***

JF: Jiena nqisu bħala bniedem perfezzjonist u kien irid kollox magħmul sewwa, l-iktar ħaġa li kienet iddejjqu hija meta tinstema xi nota ħażina waqt id-daqq tal-qniepen fil-ġranet tal-festa u bħal kull bniedem ieħor kien jiddejjaq meta jkun hemm xi ħadd li ma jibżax għal kull ħaġa li jkollha x'taqsam mal-Festa.

***CS: Semmili xi episodju fil-ħajja tiegħu fejn Ċensu wera ferħ kbir u xi episodju ieħor fejn wera n- niket.***

JF: Mument ta' ferħ kbir għal Ċensu li ma nistax ninsa l-espressjoni fuq wiċċu kien meta ġiet indurata l-Vara ta' Santa Marija ġewwa l-Imdina fl-1986. Naħseb l-ikbar niket li kellu f'ħajtu kien meta miet ħuna ż-żgħir ta' 7 snin b'disgrazzja ġewwa l-każin fil-ġurnata tal-festa.

***CS: Meta xi ħadd isemmi l-Pedestall ta' l-Inkoronazzjoni, u l-Appostli li jintramaw għall-Festa wieħed ma' jistax ma' jaħsibx f'Ċensu, x'inhuma r-raġunijiet li Ċensu kien tant devot lejn dawn l-opri artistiċi?***

JF: Huwa fatt li hija kien ħa ngħid hekk iffissat il-Pedestall ta' l-Inkoronazzjoni, jien naħseb li hu segwa sewwa x-xogħol li sar fuqu u baqa' japprezza l-istess xogħol li kien sar bl-għaraq ta' xbinha l-partitarji tas-Soċjetà ta' dak iż-żmien. Fil-fatt l-aħħar xewqa li kellu kienet li jindifen b'ritratt ta' dan il-Pedestall. Rigward l-Appostli hu kien iqishom u jħobbhom bħala uliedu. Barra minn hekk hu kien involut fl-għażla kif ukoll fil-ġbir għar-restawr tagħhom.

***CS: Għadni nisimgħu jgħid li meta kien għadu żagħżugħ kien jerħila lejn Ħal Tarxien bir-rota ma' xi żgħażagħ oħrajn sabiex jagħmlu xi xogħol għall-Festa tagħna. Eżattament,***

***x'kienet ir- raġuni li kienu jmorru hemm?***

JF: Peress li dak iż-żmien ma tantx kien hawn karozzi, hu kien jinqeda ħafna bir-rota, dawn kienu jitilgħu Ħal Tarxien biex jaħdmu xi ġigċifogu għall-festa tagħna peress li kien hemm żmien fejn s-Soċjetà me kellhiex post tan-nar.

***CS: Ċensu kellu ħafna għall-qalbu l-irfiegħ tal-Vara ta' Santa Marija waqt il-proċessjoni tal-15 t'Awissu, nista' ngħid ukoll li għamel żmien twil imexxi din il-proċessjoni. X'kienet tfisser għalih il-proċessjoni tal-15 t'Awissu u kif kien ikun f'dik il-ġurnata tant għażiża?***

JF: Il-Proċessjoni għalija kienet il-qofol tal-Festa kollha. Nista' ngħid li ma kien jibdilha ma xejn. Niftakar li f'dik l-ġurnata lanqas kien jersaq lejn id-dar biex jiekol. Wara li jgħaddi kollox kont tarah b'wiċċu jiddi u kuntent li kollox għadda b' wiċċ il-ġid.

***CS: Spiss kien isemmi l-ex-Surmast tal-Banda George Martin bħala wieħed mill-ikbar ħbieb li qatt kellu. Xi tgħidli dwar din ir-relazzjoni kbira ta' bejniethom?***

JF: Is-Surmast Martin kien tassew l-ikbar ħabib li qatt kellu hija, kienu jħobbu u jirrispettaw ħafna lil xulxin, barra minn hekk Ċensu kellu stima kbira lejh u kien japprezza x-xogħol li kien jagħmel George Martin. Jien naħseb li dil-ħbiberija nibtet permezz tal-festa għażiża tagħna li kienet tassew importanti għalihom it-tnejn.

***CS: Huwa fatt li Ċensu ra ħafna Festi ta' Santa Marija, fl-opinjoni tiegħek liema kienet l-iktar festa importanti għalih u qatt ma seta' jinsiha?***

JF: Il-festa li ma nesa' qatt u li baqa' isemmi tul iż-żmien żgur li hi l-festa ta' meta ħarġet Santa Marija fuq iz-zuntier bl-induratura l-ġdida.



***CS: Liema huma l-isbaħ memorji li għandkom ta' ħuwkom Ċensu?***

JF: Li ma nistawx ninsew hija l-espressjoni ferm sabiħa li kien ikollu fuq wiċċu meta kien jixtri xi affarjiet utli għad-dar, il-ferħ tiegħu waqt il-festi ta' Santa Marija u meta kien qiegħed jagħmel xi xogħlijiet ta' tinqix fil-bitħa tad-dar tagħna fejn meta kien ilesti xi biċċa tinqixa kont tarah jiġri jidħol isejħilna biex immorru naraw x'kien għamel.

***CS: Li kieku kellna nistaqsuh x'jaħseb dwar is-Sezzjoni Żgħażagħ tagħna, x'taħsbu li tkun it-tweġiba tiegħu?***

JF: Ċensu, kellu rispett kbir lejn iż-żgħażagħ. Sikwiet kien jiġi d-dar bid-daħka fuq wiċċu u jirrakkontalna fuq xi attivitajiet li tkunu qed torganizzaw. Fil-fatt meta ġejtu tarawh dan l-aħħar, kien ħassu ferħan ħafna bil-preżenza tagħkom. Jien naħseb li t-tweġiba tiegħu tkun turija t'apprezzament tax-xogħol siewi li qed tagħmlu u biex tibqgħu sejrin hekk u biex tkomplu tibżgħu għall-festa għax intom l-irġiel u n-nisa t'għada li tridu tmexxu s-Soċjetà.

# Kompetizzjoni bi premju

1. Min kienu l-mistiednin speċjali tas-Soċjetà għall-Festa Titulari ta' l-1992?

2. Liema huma ż-żewġ unuri Internazzjonali li tħaddan is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V?

3. Semmi żewġ attivitajiet Filantropiċi li s-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija organizzat tul is-snin li ilha mwaqqfa?

4. F'liema sena ġiet organizzata għall-ewwel darba fl-Imqabba l-Ġimgħa Marjana u min organizzaha?

5. Liema huma l-kategoriji mirbuħa mill-Għaqda tan-Nar Santa Marija waqt l-Festival Piroteknik Internazzjonali ta' Malta f'April li għadda?

6. Min irregala l-Istandard il-Prim tal-Banda lis-Soċjetà?

7. X'kien jismu l-Ewwel President tas-Soċjetà?

8. Liema huma t-tliet linji ta' SMS li permezz tagħhom is-Sezzjoni Żgħażagħ qed tniedi kampanja nnovattiva u moderna ta' ġbir ta' fondi?

9. F'liema sena żżanżnet l-Imrewħa l-Kbira?

10. Liema unur intrebaħ mis-Soċjetà fis-sena 1990?

Ibgħat it-tweġibiet tiegħek fuq karta separata u d-dettalji personali sa mhux aktar tard mill-Ħadd 2 ta' Lulju 2006 fuq:

***Kompetizzjoni 'It- Titular'***
***Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija***
***Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V,***
***'Palazz Santa Marija',***
***Pjazza tal-Knisja,***
***Mqabba ŻRQ 08***

***Ir-rebbieħ tal-Kompetizzjoni Nru 2 huwa Marcio Ghigo - Birkirkara.***

***It-tweġibiet korretti jiġu magħżula u tittella' polza u hekk ikollna r-rebbieħ li jixxandar fil-ħarġa li jmiss. Il- premju għal din il-ħarġa huwa DVD kommemorattiv tar-rebħ u ċ-ċelebrazzjonijiet tal-Malta International Fireworks Festival.***

# Maltabus Advertising Ltd.

**The Outdoor Advertising Experts**

41, Triq Dun Ġorġ Preca, Blata l-Bajda HMR02

maltabus ADVERTISING LTD

**Carlo Sciberras - Company Administrator**
**9982 5738 - carlo.sciberras@atp.com.mt**




**We create the most exciting adverts on the Island**

# Nicole's Salon

*Unisex Hairdresser*

**83, Valletta Road,**
**Mqabba**
**Tel: 21647247**
**Mob: 9949 1329**

